

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** DIRETTIVA 96/57/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Settembru 1996

fuq ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija għall-friġġijiet, friżers elettriċi domestiċi u kombinazzjonijiet tagħhom

(ĠU L 236, 18.9.1996, p. 36)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005	L 191	29	22.7.2005
► <u>M2</u>	Direttiva 2008/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008	L 81	48	20.3.2008



DIRETTIVA 96/57/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Settembru 1996

fuq ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija għall-friġġijiet, friżers elettriċi domestiċi u kombinazzjonijiet tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat ⁽³⁾,

- (1) Billi huwa importanti li jkunu mħeġġa miżuri maħsuba għall-funzjonament xieraq tas-suq intern;
- (2) Billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 1985 fuq it-titjib ta' programmi dwar l-ekonomija fl-użu ta' l-enerġija fl-Istati Membri ⁽⁴⁾ il-Kunsill stieden lill-Istati Membri biex ikomplu u fejn meħtieġ iżidu l-isforzi tagħhom biex imexxu 'l quddiem l-użu aktar razzjonali ta' l-enerġija bi żvilupp ulterjuri ta' politika ta' ekonomija fl-użu ta' enerġija integrata;
- (3) Billi *appliances* ta' refrigrazzjoni domestiċi jammontaw għal sehem sinifikanti tal-konsum ta' l-elettriku domestiku fil-Komunità u għalhekk tal-konsum totali ta' l-elettriku; billi l-mudelli varji ta' *appliances* disponibbli fis-suq tal-Komunità għandhom livelli għolja differenti ħafna ta' konsum għall-volum partikolari u karatteristiċi simili, jiġifieri effiċjenza ta' l-enerġija estremament varjabbli;
- (4) Billi xi Stati Membri appik li jadottaw disposizzjonijiet dwar l-effiċjenza ta' friġġijiet u friżers domestiċi, li jstgħu joħlqu ostakoli għall-kummerċ f'dawn il-prodotti fil-Komunità;
- (5) Billi huwa xieraq li jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni f'proposti għall-approssimazzjoni ta' disposizzjonijiet preskritti bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar is-saħħa, sigurtà, protezzjoni ambjentali u protezzjoni tal-konsumatur; billi din id-Direttiva tassigura livell għoli ta' protezzjoni kemm għall-ambjent u għall-konsumatur, fil-mira ta' titjib sinifikanti fl-effiċjenza ta' l-enerġija ta' dawn l-*appliances*.
- (6) Billi l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità; billi l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva huma fil-limiti ta' l-oġġettivi tagħha, għalhekk iħarsu l-Artikolu 3b tat-Trattat;
- (7) Billi, minbarra dan, l-Artikolu 130r tat-Trattat jitlob il-protezzjoni u t-titjib ta' l-ambjent u l-utilizzazzjoni prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, dawn iż-żewġ oġġettivi huma fost dawk tal-politika tal-Komunità fuq l-ambjent; billi l-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u l-konsum jammontaw għal 30 % ta' l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju magħmul mill-bniedem (CO₂) u xi 35 % tal-konsum ta' l-enerġija primarja fil-Komunità;
- (8) Billi, kif ukoll, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/364/KEE tal-5 ta' Ġunju 1989 fuq programm ta' azzjoni tal-Komunità għat-titjib

⁽¹⁾ ĠU C 390, tal-31.12.1994, pġ. 30; u ĠU C 49, ta' l-20.2.1996, pġ. 10.

⁽²⁾ ĠU C 155, tal-21.6.1995, pġ. 18.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 1995 (ĠU C 308, ta' l-20.11.1995, pġ. 134), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 (ĠU C 120, ta' l-24.4.1996, pġ. 10) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 1996 (ĠU C 198, tat-8.7.1996.)

⁽⁴⁾ ĠU C 20 tat-22.1.1985, pġ. 1.

▼B

ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-elettriċità ⁽¹⁾ għandha bħala ż-żewġ oġġettivi tagħha biex jinkoraġġixxu li l-konsumaturi jiffavorixxu *appliances* jew tagħmir b'effiċjenza elettrika għolja u biex tittejjeb l-effiċjenza ta' l-*appliances* u t-tagħmir;

- (9) Billi fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Ottubru 1990 il-Kunsill stabbilixxa oġġettivi li jkunu stabbilizzati l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) fil-Komunità fil-livelli ta' l-1990 sas-sena 2000; billi biex jintlaħaq dan l-oġġettiv jenħtieġu miżuri aktar qawwija biex ikunu stabbilizzati l-emissjonijiet CO₂ ġewwa l-Komunità;
- (10) Billi d-Deċiżjoni 91/565/KEE ⁽²⁾ stabbiliet programm biex jipromwovi l-effiċjenza fl-enerġija fil-Komunità (il-programm SAVE);
- (11) Billi l-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija inkorporati fil-mudelli l-aktar aġġornati ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni disponibbli ma jżidulhomx l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom eċċessivament u jistgħu jħallsu għall-ispiża inizjali tagħhom permezz ta' ekonomija fl-użu fl-elettriku fi ftit snin jew ukoll aktar malajr; billi dan il-kalkolu ma jqisx il-benefiċċju miżjud ta' l-ispejjeż esterni ta' ġenerazzjoni hekk evitati, bħall-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) u tniġġis ieħor;
- (12) Billi il-gwadann “naturali” fl-effiċjenza fl-enerġija minħabba pressjonijiet tas-suq u l-proċessi mtejba ta' produzzjoni, stmati f'xi 2 % kull sena, għandhom jikkontribwixxu għall-isforzi biex jintaqsu *standards* ta' konsum ta' l-enerġija aktar iebesin;
- (13) Billi d-Direttiva 92/75/KEE ⁽³⁾ (id-Direttiva qafas) u d-Direttiva tal-Kummissjoni 94/2/KE ⁽⁴⁾ (id-Direttiva li timplimenta d-Direttiva 92/75/KEE), li jeħtieġu tikkettjar obbligatorju ta' *appliances* u indikazzjoni f'forom oħra ta' konsum ta' l-enerġija, għandhom iżidu l-għarfien tal-konsumaturi bl-effiċjenza fl-enerġija ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni domestiċi; billi din il-miżura għandha tinkoraġġixxi wkoll id-diversi kompetituri biex joffru livelli ta' effiċjenza fl-enerġija għall-*appliances* tagħhom ogħla mill-i *standards* meħtieġa minn din id-Direttiva; billi, iżda, l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi għandu jkun akkumpanjat b'indikazzjoni ta' l-i *standards* biex jinkiseb il-benefiċċju sħiħ u jwassal għat-titjib reali fl-effiċjenza totali medja ta' l-*appliances* mibjugħa;
- (14) Billi din id-Direttiva, li hija mmirata lejn l-eliminazzjoni ta' ostakoli tekniċi fir-rigward tat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija ta' *appliances* tar-refriġerazzjoni domestiċi, għandu jsegwi x-“xejra l-ġdida” stabbilita bir-resoluzzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1985 fuq xejra ġdida għall-armonizzazzjoni teknika u *standards* ⁽⁵⁾ li speċifikatament tippreskrivi li armonizzazzjoni legiſlattiva hija limitata għall-adozzjoni, permezz ta' direttivi, tal-ħtiġiet essenzjali li magħhom għandhom jikkonformaw prodotti mqiegħda fis-suq;
- (15) Billi sistema ta' infurzar effettiv hija meħtieġa biex ikun żgurat li d-Direttiva hija implimentata sew, tiggarantixxi kondizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni għall-produtturi u ttiproteġi d-drittijiet tal-konsumatur;
- (16) Billi għandha titqies id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għad-diversi fażijiet tal-proċeduri ta' stima ta' konformità u r-regoli għat-twaħħil u l-użu tal-marka

⁽¹⁾ ĠU C 157, tad-9.6.1989, pġ. 32.

⁽²⁾ ĠU C 307, tat-8.6.1992, pġ. 34.

⁽³⁾ ĠU L 297, tat-13.10.1992, pġ. 16.

⁽⁴⁾ ĠU L 45, tas-17.2.1994, pġ. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 136, ta' l-4.6.1985, pġ. 1.

▼B

ta' konformità KE ⁽¹⁾, li huma intiżi li jiġu użati fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika;

- (17) Billi fl-interess tal-kummerċ internazzjonali, *standards* internazzjonali għandhom jintużaw kull meta jkun xieraq; billi l-konsum ta' l-elettriku ta' *appliance* ta' refriġerazzjoni huwa mfisser mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni *Standard* EN 153 ta' Lulju 1995 li huwa bbażat fuq *standard* internazzjonali;
- (18) Billi l-*appliances* ta' refriġerazzjoni domestiċi li jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija ta' din id-Direttiva għandhom ikollhom il-marka "CE" u l-informazzjoni assoċjata, biex tippermettilhom li jiċċaqilqu aktar liberament;
- (19) Billi din id-Direttiva hija limitata għall-*appliances* ta' refriġerazzjoni domestiċi, provduti bl-elettriku tal-*mains*, inkluż dawk manufatturati fuq bażi ta' darba; billi t-tagħmir ta' refriġerazzjoni għall-użu kummerċjali huwa ferm aktar varjat u mhux xieraq għall-inklużjoni f'din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-friġġijiet domestiċi li joperaw mill-*main*, *cabinets* għall-ħażna ta' l-ikel friżat, friżers ta' l-ikel, u kombinazzjonijiet tagħhom kif definiti fl-Anness I u msemmija 'l quddiem bħala "*appliances* ta' refriġerazzjoni". Għandhom ikunu esklużi *appliances* li jistgħu jużaw ukoll sorsi oħra ta' enerġija, partikolarment akkumulaturi, u *appliances* ta' refriġerazzjoni domestiċi li jaħdmu fuq il-prinċipju ta' assorbiment u *appliances* manufatturati fuq speċifikazzjonijiet partikulari.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-*appliances* koperti b'din id-Direttiva jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Komunità biss jekk il-konsum ta' l-elettriku ta' l-*appliance* partikolari huwa anqas minn jew daqs il-valur ta' konsum massimu permess ta' l-elettriku għall-kategorija tagħha kif ikkalkolat skond il-proċeduri mfissra fl-Anness I.

2. Il-manifattur ta' *appliance* ta' refriġerazzjoni koperta minn din id-Direttiva, ir-rappreżentant awtorizzat stabbilit fil-Komunità jew il-persuna responsabbli għat-tqegħid ta' l-*appliance* fis-suq tal-Komunità għandu jkun responsabbli biex jiżgura li kull *appliance* mqiegħda fis-suq tikkonforma mal-ħtiġiet msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpe-dixxu t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni li għandhom il-marka "CE" li tawentika l-konformità tagħhom mad-direttivi kollha ta' din id-Direttiva.

2. Ħlief jekk hemm xhieda bil-kontra, l-Istati Membri għandhom jippreżumu li l-*appliances* ta' refriġerazzjoni li jkollhom il-marka "CE" meħtieġa taħt l-Artikolu 5 jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. (a) Meta *appliances* ta' refriġerazzjoni huma soġġetti għal direttivi oħra li jkopru aspetti oħra li jipprovdu wkoll għat-twaħħil ta' marka "CE", din għandha tindika wkoll li l-*appliances* tar-refriġerazzjoni partikolari huma preżunti wkoll, sakemm teżisti

⁽¹⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, pġ. 23.

▼B

xhieda kontrarja, li jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi l-oħra.

- (b) Iżda, meta direttiva waħda jew iżjed tippermetti li l-fabbrikant, matul perjodu transitorju, biex tagħżel liema regoli japplikaw, il-marka "CE" għandha tindika konformità biss mad-disposizzjonijiet ta' dawk id-direttivi applikati lill-fabbrikant. F'dak il-każ, in-numri ta' referenza tad-direttivi applikati, kif publikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom jingħataw fid-dokumenti, avviżi jew struzzjonijiet li jakkumpanjaw l-*appliances* tar-refriġerazzjoni.

Artikolu 4

Il-proċeduri ta' stima ta' konformità u l-obbligi rigward il-marka "CE" ta' l-*appliances* huma preskritti fl-Anness II.

Artikolu 5

1. Meta l-*appliances* jitqiegħdu fis-suq, għandhom ikollhom il-marka "CE", li għandha tikkonsisti fl-inizjali "CE". Il-forma ta' marka li għandha tintuża tidher fl-Anness III. Il-marka "CE" għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġibbli u li ma tistax titħassar fuq l-*appliances* ta' refriġerazzjoni u, meta xieraq, fuq l-imballaġġ.

2. Għandu jkun projbit it-twaħħil fuq *appliances* tar-refriġerazzjoni ta' kull marka li x'aktarx tqarraq lil terzi persuni rigward it-tifsira u l-forma tal-marka "CE". Kull marka oħra tista' titwaħħal ma' l-*appliances*, l-ippakkeġġjar tagħhom, il-folja ta' istruzzjonijiet jew dokumenti oħra, iżda l-marka "CE" għandha tibqa' tidher u tinqara.

Artikolu 6

1. Meta Stat Membru jstabilixxi li l-marka "CE" ma twaħħlitx sew, il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità għandu jkun obligat li jġib il-prodott f'konformità u biex itemm il-ksur skond il-kondizzjonijiet imposti mill-Istat Membru. Meta la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma huwa stabbilit ġewwa l-Komunità, il-persuna li tqiegħed l-*appliance* ta' refriġerazzjoni fis-suq tal-Komunità għandha tidħol għal dawn l-obbligi.

2. Meta l-prodott jibqa' mhux konformi, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa bis-saħħa ta' l-Artikolu 7 biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodott partikolari jew biex jiżgura li huwa ritirat mis-suq.

Artikolu 7

1. Kull deċiżjoni meħuda bis-saħħa ta' din id-Direttiva li jkollha restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni għandha ssemmi r-raġunijiet preċiżi li fuqhom hija bażata. Il-parti konċernata għandha tkun notifikata mingħajr dewmien bid-deċiżjoni u għandha tkun informata fl-istess ħin bil-possibilitajiet u l-limiti ta' żmien dwar ir-rimedji legali disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat.

2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'kull miżura bħal din, u jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'din l-informazzjoni.

Artikolu 8

Qabel ma jagħlaq il-perjodu ta' erba' snin mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tagħmel stima tar-riżultati miksuba kif mqabbla ma' dawk mistennija. Bil-ħsieb li tgħaddi għat-tieni stadju fit-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, il-Kummissjoni għandha mbagħad

▼B

tikkunsidra, flimkien mal-partijiet interessati, il-bżonn li jkun preskritt it-tieni sett ta' miżuri xierqa għat-titjib sinifikanti ta' l-effiċjenza fl-enerġija ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni domestika. F'dak il-każ, kull miżura ta' effiċjenza fl-enerġija u d-data tad-dħul tagħha fis-seħħ għandha tkun ibbażata fuq livelli ta' effiċjenza fl-enerġija li jistgħu jkunu ekonomikament u teknikament ġustifikati fid-dawl ta-ċirkostanzi f'dak iż-żmien. Kull miżura oħra kkunsidrata xierqa biex ittejjeb l-effiċjenza ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni domestika għandha tkun ikkunsidrata wkoll.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni biha.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet ma' l-għeluq ta' perjodu ta' tliet snin li jgħoddu mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza mal-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adotta mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

3. Matul perjodu ta' tliet snin wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni li jikkonformaw ma' l-istess kondizzjonijiet bħal dawk li kienu applikati fit-territorju tagħhom fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

▼M1*Artikolu 9a*

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżura ta' implimentazzjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija ⁽¹⁾, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-effiċjenza fl-enerġija waqt l-użu, skond dik id-Direttiva, u tista' tiġi emendata jew imħassra ► **M2** skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2005/32/KE ◀.

▼B*Artikolu 10*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

(¹) ĠU L 191, tat-22.7.2005, p. 29



ANNEX I

METODU GĦALL-KALKOLU TAL-KONSUM MASSIMU PERMISSIBBLI TA' L-ELETTRIKU TA' APPLIANCE TA' REFRIĠERAZZJONI U PROĊEDURA GĦALL-VERIFIKA TA' KONFORMITÀ

Il-konsum ta' l-elettriku minn *appliance* ta' refriġerazzjoni (li jista' jkun mfisser f'kWh kull 24 siegħa) hija funzjoni tal-kategorija ta' *appliance* li tappartjeni lilha (eż. Friġġ b'stilla waħda, *chest* friżer, eċċ.) il-volum tagħha u l-effiċjenza fl-enerġija fil-konstruzzjoni tagħha stess, (ħxuna ta' isolament, effiċjenza tal-kompressur, eċċ.) u d-differenza bejn it-temperatura ambjentali u t-temperatura ġewwa l-*appliance*. Għalhekk fl-iffissar ta' *standards* ta' effiċjenza fl-enerġija għalhekk, għandhom ikunu kalkolati l-fatturi ewlenin endoġeni li jinfluwenzaw il-konsum ta' l-enerġija (jiġifieri l-kategorija ta' l-*appliance* u l-volum tagħha). Għal din ir-raġuni il-konsum massimu permissibbli ta' l-elettriku ta' *appliance* ta' refriġerazzjoni huwa definit b'ekwazzjoni lineari li hija l-funzjoni tal-volum ta' l-*appliance*, b'ekwazzjonijiet differenti preskritti għal kull kategorija ta' *appliance*.

Biex ikun kalkolat il-konsum massimu permissibbli ta' l-elettriku ta' *appliance* partikolari, għandu għalhekk l-ewwel ikun allokata lill-kategorija xierqa mil-lista li ġejja:

Kategorija	Deskrizzjoni
1	Friġġ, mingħajr kompartiment għat-temperatura baxxa ⁽¹⁾
2	Friġġ/kessieħa, b'kompartiment ta' 5 °C/jew 12 °C
3	Friġġ, bla kompartiment għat-temperatura baxxa mingħajr stilla
4	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxa (*)
5	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxa (**)
6	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxa (***)
7	Friġġ/frizzer b'kompartiment ta' friżer (****)
8	Friżer ta' l-ikel, wieqaf
9	Friżer ta' l-ikel, <i>chest</i>
10	Friġġ/frizzer b'iżjed minn żewġ bibien, jew <i>appliances</i> oħra mhux koperti fuq.

⁽¹⁾ Kull kompartiment b'temperatura ta' jew anqas minn - 6 °C

Billi *appliances* ta' refriġerazzjoni jkollhom kompartimenti differenti miżmuma f'temperaturi differenti, (li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-konsum ta' l-elettriku), il-konsum massimu permissibbli ta' elettriku huwa definit fil-prattika bħala funzjoni ta' volum aġġustat, li hija somma ppeżata tal-volumi ta' kompartimenti differenti.

Għalhekk, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-volum aġġustat (V_{adj}) ta' *appliance* ta' refriġerazzjoni huwa definiti bħala:

$$V_{adj} = \sum V_c \times W_c \times F_c \times C_c$$

$$W_c = (25 - T_c) / 20$$

where T_c is the design temperature in each compartment (in °C),

Meta V_c huwa l-volum nett ta' tip partikolari ta' kompartiment fl-*appliance* u F_c huwa fattur li huwa daqs 1,2 għall-kompartimenti mingħajr silġ u 1 għall-kompartiment l-oħra, no frost compartments and 1 for other compartments,

$C_c = 1$ għall-*appliances* ta' refriġerazzjoni li jappartjenu għall-klassijiet klimatiċi normali (N) u subnormali (SN)

$C_c = X_c$ għall-*appliances* ta' refriġerazzjoni li jappartjenu għall-klassijiet klimatika sub-tropikali (ST)

$C_c = Y_c$ għall-*appliances* ta' refriġerazzjoni li jappartjenu għall-klassijiet klimatika tropikali (T) Il-

Il-koeffiċjenti X_c u Y_c għat-tipi differenti tal-kompartiment huma:

▼B

Table of weighting coefficients X_c and Y_c according to the temperature of the compartment

	X_c	Y_c
Kompartiment ta' isfel	1,25	1,35
Kompartiment ta' l-ikel frisk	1,20	1,30
Kompartiment 0 °C	1,15	1,25
Kompartiment bla stilla	1,15	1,25
Kompartiment stilla 1 (*)	1,12	1,20
Kompartiment żewġ stillel (**)	1,08	1,15
Kompartiment 3 (***) u 4-star (****) stillel	1,05	1,10

Kemm il-volum aġġustat u l-volum nett huma espressi f'litri.

Il-konsum ta' l-elettriku massimu permissibbli (Emax espress f'kWh kull 24 siegħa kalkulat sa żewġ postijiet deċimali), għal tip ta' *appliance* b'volum aġġustat Vadju huwa mfisser bl-ekwazzjonijiet li ġejjin għal kull kategorija ta' *appliance*:

Category	Description	E_{max} (kWh/24 h)
1	Friġġ, mingħajr kompartiment għall-temperatura baxxa	$(0,207 \times V_{adj} + 218) / 365$
2	Friġġ/kessieħa, b'kompartiment b' 5 °C /jew 12 °C	$(0,207 \times V_{adj} + 218) / 365$
3	Friġġ, bla kompartiment għall-temperatura baxxa mingħajr stilla	$(0,207 \times V_{adj} + 218) / 365$
4	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxa (*)	$(0,557 \times V_{adj} + 166) / 365$
5	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxa (**)	$(0,402 \times V_{adj} + 219) / 365$
6	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxa (***)	$(0,573 \times V_{adj} + 206) / 365$
7	Friġġ, b'kompartiment għat-temperatura baxxat (****)	$(0,697 \times V_{adj} + 272) / 365$
8	Friżer ta' l-ikel, wieqaf	$(0,434 \times V_{adj} + 262) / 365$
9	Friżer ta' l-ikel, chest	$(0,480 \times V_{adj} + 195) / 365$

Għall-friġġijiet/friżers b'iżjed minn żewġ bibien, jew *appliances* oħra mhux koperti fuq, il-konsum massimu permissibbli ta' l-elettriku (Emax) huwa determinat mit-temperatura u tip ta' stilel tal-kompartiment bit-temperatura l-iżjed baxxa, kif ġej:

Temperatura tal-kompartiment l-aktar kompartiment	Kategorija	E_{max} (kWh/24 siegħa)
> - 6 °C	1/2/3	$(0,207 \times V_{adj} + 218) / 365$
≤ - 6 °C (*)	4	$(0,557 \times V_{adj} + 166) / 365$
≤ - 12 °C (**)	5	$(0,402 \times V_{adj} + 219) / 365$
≤ - 18 °C (***)	6	$(0,573 \times V_{adj} + 206) / 365$
≤ - 18 °C (****)	7	$(0,697 \times V_{adj} + 272) / 365$

Proċedura ta' prova għall-verifika jekk *appliance* tikkonformax mal-ħtiġiet tal-konsum ta' l-elettriku ta' din id-Direttiva

Jekk il-konsum ta' l-elettriku ta' *appliance* ta' refriġerazzjoni mibgħuta għall-verifika hija anqas minn jew daqs Emax (il-valur tal-konsum massimu permis-

▼B

sibbli ta' l-elettriku għal kategorija tagħha, kif imfisser fuq), flimkien ma 15 %, l-*appliance* hija ċertifikata bħala li tikkonforma mal-ħtiġiet tal-konsum ta' l-elettriku ta' din id-Direttiva. Jekk il-konsum ta' l-elettriku ta' l-*appliance* huwa akbar minn Emax flimkien ma 15 %, għandu jitkejjel il-konsum ta' tliet *appliances* oħra. Jekk il-medja aritmetika tal-konsum ta' l-elettriku ta' dawn it-tliet *appliances* hija anqas minn jew daqs l-Emax flimkien ma 10 %, l-*appliance* hija ċertifikata bħala li tħares il-ħtiġiet ta' konsum ta' din id-Direttiva. Jekk il-medja aritmetika taqbeż iżjed minn 10 %, l-*appliance* għandha titqies li ma tħarisx il-ħtiġiet ta' konsum ta' l-elettriku ta' din id-Direttiva.

Definizzjonijiet

Il-kliem użat f'dan l-Anness jikkorrispondi mad-definizzjonijiet fis-*Standard* Ewropew EN 153 ta' Lulju 1995 preskritti mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni.



ANNEX II


PROĊEDURI TA' STIMA TA' KONFORMITÀ

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċeduri meta l-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità, li jaqdi l-obbligi preskritti fil-punt 2, jiżgura u jiddikjara li l-*appliance* ta' refriġerazzjoni jissodisfa l-ħtiġiet rilevanti ta' din id-Direttiva. Dan il-manifattur għandu jwaha il-marka "CE" għal kull *appliance* ta' refriġerazzjoni li huwa jimmanifattura u jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità bil-miktub.
2. Il-manifattur għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika deskritt fil-paragrafu 3 u huwa jew r-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ġewwa l-Komunità u għandu jżomm għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għall-finijiet ta' spezzjoni għall-perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin mid-data meta l-aħħar *appliance* kienet manufatturata.

Meta la l-manifattur u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat ma huma stabbiliti ġewwa l-Komunità, l-obbligu li tinżamm id-dokumentazzjoni teknika disponibbli huwa r-responsabbiltà tal-persuna li tqiegħed l-*appliance* ta' refriġerazzjoni fis-suq tal-Komunità.
3. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tiżgura l-konformità ta' l-*appliance* tar-refriġerazzjoni mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva li għandha tkun stmata. Għandha, safejn rilevanti għal din l-istima, tkopri d-disinn, il-manifattura u l-operazzjoni ta' l-*appliance* ta' refriġerazzjoni u jikkomprendu:
 - (i) l-isem u l-indirizz tal-manifattur;
 - (ii) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell biżżejjed għall-identifikazzjoni mhux ambigwa;
 - (iii) informazzjoni inkluż tpinġijiet kif rilevanti, fuq il-karatteristiċi ewlenin tad-disinn tal-mudell u partikolarment fuq oġġetti li jaffettwaw sewwa l-konsum ta' l-elettriku tiegħu, bħad-dimensjonijiet, volum(i), karatteristiċi tal-kompressur, karatteristiċi speċjal, eċċ.;
 - (iv) l-istruzzjonijiet ta' ħidma, jekk hemm;
 - (v) ir-riżultati tal-qisien tal-konsum ta' l-elettriku magħmula kif meħtieġ fil-punt 5;
 - (vi) dettalji ta' konformità ta' dawn il-ħtiġiet kif paragonati mal-ħtiġiet ta' konsum ta' l-enerġija kif mfissra fl-Anness I.
4. Dokumentazzjoni teknika stabbilita għal-leġislazzjoni oħra Komunitarja tista' tintuża safejn tħares il-ħtiġiet ta' dan l-Anness.
5. Manifatturi ta' *appliances* ta' refriġerazzjoni huma responsabbli biex ikun stabbilit il-konsum ta' l-elettriku ta' kull *appliance* ta' refriġerazzjoni koperta b'din id-Direttiva skond il-proċeduri speċifikati fl-Istandard Ewropew EN 153, kif ukoll il-konformità ta' l-*appliance* mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 2.
6. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iżommu kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità mad-dokumentazzjoni teknika.
7. Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha biex il-proċess ta' manifattura jiżgura li l-*appliances* ta' refriġerazzjoni manifatturati jikkonformaw mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 2 u mal-ħtiġiet rilevanti tad-Direttiva.

▼B*ANNEX III***MARKA TA' KONFORMITÀ "CE"**

Il-marka ta' konformità għandha tikkonsisti mill-inizjali "CE" li tiegħu din il-forma:



Jekk il-marka "CE" hija mnaqqa jew imkabbra għandhom ikunu rispettati l-proporzjonijiet mogħtija fit-tpinġija gradwata fuq.

Il-komponenti varji tal-marka "CE" għandhom ikollhom sostanzjalment l-istess dimensjoni vertikali, li ma għandhiex tkun anqas minn 5 mm.